TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 187/14/GB

**Nathalie Magro**

**vs**

**Fair Deal Furniture**

Illum 29 ta' Ottubru 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-18 ta' Awissu, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' tliet mitt Ewro (€300.00), rapprezentanti l-ammont li hija hallset lis-socjeta' ntimata bhala depozitu ghal sufan, liema sufan ma giex ikkonsenjat hekk skond il-ftehim.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas ma attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Fi Frar 2014 hija kienet ordnat sufan minghand is-socjeta' ntimata ghall-prezz ta' tmien mitt Ewro (€800.00). Dakinhar, hija kienet hallset depozitu ta' tliet mitt Ewro (€300.00), izda s-sufan ma haditux ghax kien 'out of stock'. Ir-rikorrenti ma nkwetatx ghaliex hija kellha bzonn is-sufan f'Gunju peress illi t-tifel taghha kien ser jizzewweg dak ix-xahar, u s-socjeta' ntimata kienet assiguratha illi s-sufan kien ser jasal fil-perjodu ta' dawk l-erbgha xhur.

Sfortunatament, it-tieg gie u ghadda, pero' r-rikorrenti baqghet minghajr is-sufan, b'hekk illi kellha tixtri sufan iehor.

Fl-17 ta' Lulju 2014, ir-rikorrenti rceviet telefonata minghand is-socjeta' ntimata illi s-sufan kien 'on the way' pero' hija nformat lis-socjeta' ntimata illi issa ma kellhiex bzonnu iktar u li kienet xtrat sufan iehor fil-frattemp.

Is-socjeta' ntimata sostniet illi d-dewmien ma kienx tort taghha u ghalhekk hija rrifjutat illi tirrifuza r-rikorrenti l-ammont li kienet hallset bhala depozitu.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta is-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja tar-ricevuta, li giet immarkata bhala Dok.NM1.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parti tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata. It-Tribunal, wara li ha konjizzjoni tal-provi, jaghmel referenza ghall-Artikolu 44(2)(c), (e) u (f) tal-Kapitolu 378, u jikkonkludi illi l-kundizzjoni mposta fuq ir-rikorrenti konsumatur hekk skond il-kundizzjonijiet generali elenkati fuq Dok.NM1 ezebita in atti, fejn hemm stipulat: *"The Seller undertakes to use every reasonable endeavour to effect delivery as agreed with the Buyer. However should delivery be delayed for any reason outside the Seller control, the Seller will not assume responsibility"* tikkostitwixxi espressjoni projbita, li ghandha titqies bhallikieku qatt ma ddahlet fil-kuntratt ta' bejgh in kwistjoni, u li ghalhekk it-Tribunal m'huwiex ser jiehu konjizzjoni taghha. Illi ghalhekk, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' tliet mitt Ewro (€300.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**